# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 28**

**Citazzjoni numru 462/01 LSO**

**Valfracht Roro Line Limited**

**v.**

**KD Commercials Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa provvediment dwar talba magħmula mis-soċjetà appellanti KD Commercials Limited b'rikors tad-19 ta' Mejju 2017 għar-rikuża tal-Imħallef Joseph Azzopardi allegatament għaliex l-istess Imħallef kien ddeċieda kawża fuq l-istess mertu tal-appell odjern bejn il-

partijiet **KD Commercials Limited v. Valletta Freight Services Limited** u Valfracht Roro Line Limited li ġiet deċiża fit-30 ta' Jannar 2013.

**2.** Ir-rikorrenti ma indikat ebda dispożizzjoni tal-liġi speċifika in sostenn tat-talba tagħha iżda mir-raġuni mogħtija għat-talba ta' rikuża minn eżami tad-diversi subinċiżi tal-artikolu relevanti li si tratta mill-eċċezzjoni tar-rikuża, u ċioé tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12, jidher li l-uniku subinċiż li jista' potenzjalment jagħmel għall-każ odjern huwa l-paragrafu (d)(ii) tas-subartikolu (1) tal-artikolu msemmi li fil-parti rilevanti tiegħu jipprovdi li l-Imħallef jista' jiġi rrikużat:

> "jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:".

**Konsiderazzjonijiet**

**3.** Il-kawża deċiża fit-30 ta' Jannar 2013 li għaliha ssir referenza fir-rikors imsemmi kienet azzjoni mis-soċjetà KD Commercials Limited - is-soċjetà attriċi fil-proċeduri odjerni u wkoll is-soċjetà rikorrenti preżenti - kontra s-soċjetajiet Valletta Freight Services Limited u Valfracht Roro Line Limited; tal-ahhar hija s-soċjetà konvenuta fil-proċeduri odjerni. F'dik il-kawża KD Commercials Limited fittxet lis-soċjetajiet konvenuti sabiex jiġu kkundannati jħallsuha d-danni sofferti minnha fuq vettura meta din il-vettura kienet abbord il-vapur MV Moon Admiral fi triqtha

mill-Ingilterra lejn Malta. It-talba ġiet milqugħa b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Jannar 2013, allura preseduta mill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi, liema sentenza ġiet riformata b'sentenza finali ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ġunju, 2017 li biha t-talbiet attriċi ġew miċħuda fil-konfront tas-soċjetà Valfracht Roro Line Limited iżda ġew milqugħa fil-konfront tas-soċjetà Valletta Freight Services Limited.

**4.** Il-proċeduri odjerni, min-naħa l-oħra, huma proċeduri li ttieħdu mis-soċjetà Valfracht Roro Line Limited kontra s-soċjetà KD Commercials Ltd. biex din tħallasha s-somma ta' LM 1564.35c import ta' noll għall-ġarr ta' merkanzija mill-Ingilterra għal Malta fuq il-vapur Moon Admiral. L-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi qatt ma ppresjeda dawn il-proċeduri u ma jirriżultax li ħa xi sehem fihom.

**5.** Mill-premess jirriżulta ampjament ċjar li ma hu minnu assolutament xejn li ż-żewġ kawżi jittrattaw mill-istess mertu. Iż-żewġ kawżi jittrattaw minn fatti differenti u huma msejjsa fuq kawżali għal kollox differenti. Kjarament din il-kawża ma hix l-istess kawża li ġiet qudiem l-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi u li ġiet deċiża minnu fit-30 ta' Jannar 2013.

**6.** Huwa minnu li f'dawn il-proċeduri s-soċjetà konvenuta qegħda teċċepixxi *inter alia* li teżisti tpaċija bejn l-ammont ta' danni pretiżi fil-

kawża l-oħra u l-ammont pretiż f'din il-kawża iżda l-fatt jibqa' li f'din il-materja l-Qorti preseduta mill-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi ma daħlet xejn.

**Provvediment**

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, din il-Qorti tiċħad it-talba magħmula mis-soċjetà KD Commercials Limited bir-rikors tad-19 ta' Mejju 2017 għar-rikuża tal-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi.

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jkunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti KD Commercials Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb